MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2008

Numru. 592/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Adrian Sammut**
**Allan Galea**

Il-Qorti:

Rat l-imputati Adrian Sammut, iben Joseph u Maria nee` Agius, imwieled il-Pieta` fl-20 ta` Mejju, 1979 u residenti fil-fond numru 30, Triq Hal Tarxien, Hal Luqa u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 247879 (M) u Allan Galea, iben Carmelo u Rita nee` Mallia, imwieled l-Awstralja fil-15

ta` Settembru, 1978 u residenti fil-fond numru Flat 2, 'Med Sun Flats', Triq il-Halel, Bugibba jew 'Gum Tree', Triq iz-Zernieq, Hal Kirkop u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 369094 (M) li gew imressqin quddiemha akkuzati talli:-

Gewwa l-klabb tal-bocci, li jinsab f`Misrah iz-Zaghzagh, gewwa Hal Luqa, fil-lejl ta` bejn is-16 u s-17 ta` Lulju, 2004, ghall-habta tas-00.45 ta` bil-lejl, minghajr il-hsieb li joqtlu jew jqieghdu l-hajja ta` Antoine sive David Monsigneur minn Rahal Gdid f`periklu car, l-imputati kienu kkagunawlu ferita ta` natura gravi, kif iccertifikat minn Dr. Sharon Tanti M.D. (Warrant Mediku Nru. 2834) tad-dipartiment tal-'Casualty' ta` l-isptar San Luqa, liema ferita ggiblu mankament jew sfreggju fil-wicc bi ksur ta` l-artikli 216 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 4 ta' Lulju 2005 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputati, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-7 ta' Ottubru, 2005 (a *folio* 9 u 10 tal-process) ai termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trtrattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda glieda li sehhet fis-17 ta' Lulju 2004 ghall-habta tas-12.45am gewwa l-klabb tal-bocci ta Hal-Luqa fejn Anthony sive David Monsignieur sofra griehi ta'

natura gravi skond kf iccertifikat minn Dr. Sharon Tanti (ara certifikat relattiv a folio 14 tal-process kif ukoll ix-xhieda tal-istess Dr. Tanti a folio 15 u 16 tal-process).

David Monsigneur li xehed fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2006 qal li fid-data in kwistjoni huwa kien fil-klabb tal-bocci ta’ Hal-Luqa qed jiehu *drink* ma habib tieghu u x’hin kien sejjer xi hadd tefa’ flixkun tal-birra fid-direzzjoni tieghu izda huwa ma rax min kien tefghu u meta dar sabiex jistaqsi min kien tefa’ l-flixkun ragel li ma kienx jaf min hu qallu li kien hu u sakemm huwa beda miexi fid-direzzjoni ta’ dan ir-ragel daru ghalih xi sitta jew tmien irgiel u bdew jaghtuh f’rasu b’xi haga iebsa. Huuwa qal li m’gharafx lil xi hadd mill-imputati bhala wiehed mill-irgiel li sawtuh.

L-imputati ghazlu li ma jixhdux f’dawn il-proceduri izda meta sehh l-akkadut kienu rrilaxjaw stqarrija (stqarriji relattivi esebiti a folio 22 sa 27 tal-process) fejn huma qalu li raw l-incident isehh izda sostnew li ma kienux fost l-irgiel li daru ghal Monsigneur u sawtuh. Huma jghidu li Monsignieur kien ilu jsabbat  fuq l-imweijjed, ikisser u jinbex lin-nies u imbaghad daru ghalih grupp ta’ rgiel li kienu gewwa l-bar. Meta huwa hareg barra wara li kien gie msawwat mar sabiex jiehu sodisfazzjon maz-zewg imputati li kienu barra u agredihom.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali u jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tippprova li nqalghet glieda il-klabb tal-bocci ta’ Hal-Luqa,  rnexxilha tipprova li David Mosigneur sofra griehi ta’ natura gravi waqt din il-glieda u rnexxilha tipprova li l-imputati odjerni kienu prezenti fil-klabb tal-bocci meta nqalghat il-glieda. Il-Prosekuzzjoni izda bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova xi ness bejn il-griehi li sofra dan Monsigneur u l-imputati u cioe’ bl-ebda mod ma jista’ jinghad li  rrizulta sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li kienu l-imputati li kkagunaw il-griehi li sofra Monsigneur, anzi mid-deposizzjoni tal-istess Monsigneur jirrizulta li huwa kien agredit u msawwat minn grupp ta’ xi sitta jew tmien irgiel izda huwa jghid li ma jaghraf lill ebda wiehed mill-imputati bhala wiehed mill-persuni li agredewh u sawtuh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara liz-zewg imputati bhala mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------